

**Dispożittiv**

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-European Environmental Bureau (EEB).

(<sup>1</sup>) ĠU C 118, 4.4.2016.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2017 – De Nicola vs BEI**

(Kawża T-666/16 P) (<sup>1</sup>)

*(“Appell — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Rapport ta’ evalwazzjoni 2013 — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-kumitat tal-appell u tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix promoss — Fastidju psikoloġiku — Talba għad-danni”)*

(2017/C 283/77)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Appellant:* Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: G. Ferabecoli, avukat)

*Appellat:* Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (rappreżentanti: T. Gilliams u G. Faedo, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Lulju 2016, De Nicola vs BEI (F-100/15, EU:F:2016:167), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Carlo De Nicola għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 410, 07.11.2016.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2017 – De Nicola vs BEI**

(Kawża T-669/16 P) (<sup>1</sup>)

*(“Appell — Persunal tal-BEI — Assigurazzjoni għall-mard — Rifjut ta’ rimbors ta’ spejjeż mediċi — Terapija bil-laser — Rikors għal annullament jew għal kumpens”)*

(2017/C 283/78)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Appellant:* Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: G. Ferabecoli, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (rappreżentanti: T. Gilliams u G. Faedo, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Lulju 2016, De Nicola vs BEI (F-82/15, EU:F:2016:166), u intiż għall-annullament parzjali ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Carlo De Nicola għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fil-kuntest ta' din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 410, 7.11.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2017 – No Limits vs EUIPO – Morellato (NO LIMITS)**

(Kawża T-43/17) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea NO LIMITS — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata — Tmiem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2017/C 283/79)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: No Limits International Investments SA (Bissone, l-Isvizzera) (rappreżentant: F. Canu, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Scardocchia u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Morellato SpA (Fratte di Santa Giustina in Colle, l-Italja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-21 ta' Novembru 2016 (Każ R 2007/2015-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Morellato u No Limits Investments.

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti minn No Limits International Investments SA.

<sup>(1)</sup> ĠU C 95, 27.3.2017.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2017 – Institute for Direct Democracy in Europe vs Il-Parlament**

(Kawża T-118/17 R)

**(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Deċiżjoni li jingħata sussidju lil fondazzjoni politika — Sospensjoni tal-prefinanzjament — Obbligu li tingħata garanzija bankarja — Talba għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza”)**

(2017/C 283/80)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Institute for Direct Democracy in Europe ASBL (IDDE) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: E. Plasschaert u E. Montens, avukati)